MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 964/2004/1

**Veron Cutajar**

**v.**

**Lilian Bugeja**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim'awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Dicembru 2004 gie premess:-

"Illi l-attrici nhar is-26 ta' Settembru 2003 marret ghall-*'setting'* ghand il-konvenuta li tahdem bhala *'hair-dresser';*

illi wara dan it-trattament ta' *'setting'* maghmul mill-konvenuta hija ssubiet u ghadha qed issofri minn *"permanent scaring"* f'rasha (*scalp*); illi minhabba f'hekk l-attrici qed issofri minn disabbilta` permanenti hekk kif gja` ccertifika l-konsulent mediku Dr. Lawrence Scerri; illi dan kollu sehh unikament tort tal-konvenuta u dan minhabba neglegenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenuta fil-kors tax-xoghol taghha bhala *"hair-dresser"* u dan hekk se jirnexxielha tipprova l-attrici waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; illi ghalkemm il-konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwalment hlas ta' danni mill-attrici, din baqghet inadempjenti; dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:-

"1. Tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-*"permanent scarring"* li qieghda issofri minnu l-attrici f'rasha (*scalp*) u dan a kawza tat-trattament ta' *setting* maghmul mill-istess konvenuta fuq l-attrici nhar it-23 ta' Settembru 2003 li sar b'negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenuta.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici u dan permezz ta' perit nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma hekk likwidata *ai fini* tat-tieni talba lill-attrici.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax. Il-konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

"B'nota pprezentata fl-4 ta' Awwissu 2005 il-konvenuta eccepit:-

"1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, l-esponenti tecceppixxi l-inkompetenza *rationae valoris* ta' din l-Onorabbli Qorti *stante* illi l-ammont ta' danni allegatament sofferti mill-attrici ma jaccedux hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici *stante* illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti ma tahti bl-ebda mod ghal xi *permanent scarring* illi l-attrici jista' ghandha f'rasha. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponenti m'ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda danni lill-attrici.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, u fi kwalunkwe kaz, l-attrici ghandha tipprova a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti illi hemm konnessjoni diretta bejn is-*setting* illi sar mill-esponenti u l-allegat *"permanent scarring"* illi l-attrici ghandha f'rasha; dan tenut kont tal-fatt illi l-attrici avvicinat lill-esponenti bl-ilment taghha wara sitt (6) gimghat mill-okkazjoni meta sar it-trattament.

"4. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, jehtieg illi jigi pprovat ukoll a sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-allegat *"permanent scarring"* li qed tilmenta minnu l-attrici, fil-fatt jikkostitwixxi debilita` permanenti."

**Is-Sentenza Appellata.**

Il-Prim'awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar, 2009 bil-mod segwenti:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu inkonsistenti ma' dak hawn premess, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

"1. Tilqa' l-ewwel talba in parte billi tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli kif hawn indikat f'din is-sentenza ghall-permanent scarring li qieghda ssofri minnu l-attrici f'rasha [scalp] u dan a kawza tat-trattament ta' setting maghmul mill-istess konvenuta fuq l-attrici nhar it-23 ta' Settembru 2003 li sar b'negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenuta,

u dan b'element ta' negligenza kontributorja mill-attrici stess fl-agir taghha kif ukoll spjegat f'din is-sentenza.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici u li ghalihom hija responsabbli l-konvenuta fl-ammont ta' hamest elef, sitt mija u disgha u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€5,689.97) ekwivalenti ghal elfejn erba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltija u sebghin centezmu (Lm2,442.70).

"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma hekk likwidata ta' hamest elef, sitt mija u disgha u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€5,689.97) ekwivalenti ghal elfejn erba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltija u sebghin centezmu (Lm2,442.70) lill-attrici in linea ta' danni kif hawn deciz.

"Illi minhabba dak hawn deciz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwart (1/4) mill-attrici u (3/4) mill-konvenuta."

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li hija sofriet dizabilita' permanenti meta hija kienet marret ghand il-konvenuta sabiex tissettja xaghrha b'dan li fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu l-istess konvenuta b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' *"hairdressing"* ikkawzat *"permanent scarring"* f'ras l-attrici, u ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

"Illi l-konvenuta opponiet din it-talba billi sostniet preliminarjament l-inkomptenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti ghaliex l-ammont ta' danni kien inqas minn Lm5,000; u fil-mertu billi eccepiet li hija bl-ebda mod ma kkawzat l-istess dannu lill-attrici; tkompli tghid li hija l-attrici li ghandha tipprova li hemm konnessjoni bejn l-istess *scarring* li sofriet l-attrici u s-*"setting"* li ghamlet hija u dan tenut kont tal-fatt li l-ewwel darba li l-istess attrici ressqet dan l-ilment kien biss wara sitt (6) gimghat mill-okkazjoni

tat-trattament; gie kontestat ukoll jekk tali permanent *"scarring"* jammontax ghall-debilita' permanenti.

"Illi dwar l-ewwel eccezzjoni jinghad li din il-kawza hija dwar likwidazzjoni ta' danni u allura tali kawza ghandha valur incert u indeterminat, u dan ghaliex il-valur tal-istess kawza ma johrogx la mit-talba attrici u lanqas mill-artikoli tal-istess Kodici li jiddeterminaw il-valur tal-istess talbiet u ghalhekk skont l-**artikolu 747 tal-Kap. 12** tali kawzi huma fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

"Illi dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Joseph Vella vs Joseph Lautier"** (A.C. – 3 ta' Dicembru 2004) fejn inghad li:-

*""L-kompetenza rationae valoris tiddependi mill-att ta' citazzjoni. Ghalhekk meta c-citazzjoni tikkontjeni talba li taqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti xorta tibqa' kompetenti anke jekk jigi likwidat ammont li jkun barra mill-margni tal-kompetenza tal-Qorti"*

**"**Illi dan l-insenjament gie segwit mill-gurisprudenza nostrali nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppi Gatt vs Carmelo Mifsud"** (A.C. – 4 ta' Novembru 1963, dik fl-ismijiet **"Joseph Psaila et vs Joseph Cutajar et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008 u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **"World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited"** (P.A. (JRM) – 1 ta' April 2003). B'hekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi dwar il-mertu mill-provi prodotti jirrizulta li fid-data tas-26 ta' Settembru 2003 l-attrici marret taghmel trattament ghal xaghrha ghand il-konvenuta bhala *"hairdresser"* u jirrizulta li l-konvenuta uzat kimika *(bleach preparation)* fuq l-attrici li rritat parti mill-gilda (*scalp)* tar-ras tal-istess attrici li wara kkawzat ukoll infjammazzjoni tal-istess.

"Illi dan jirrizulta mir- relazzjoni medika ta' Dr. Michael Boffa fejn huwa kkkonkluda li l-*"bleach preparation"* li gie uzat mill-konvenuta fuq partijiet tar-ras tal-attrici sabiex jikkrejaw *"highlights"* fix-xaghar, (liema partijiet kienu wkoll maghluqa b'*foil* u msahhna ghal xi 12-il minuta) ikkrejaw

irritazzjoni u hruq fil-qurrija tar-ras tal-attrici, tant li anke waqt l-istess trattatament dik il-parti tar-ras giet mxarrba bl-ilma proprju sabiex jitnaqqas l-effetti tal-hruq li hija kienet qed issofri. L-ghada l-kondizzjoni hzienet tant li zviluppaw infafet (*blisters*) u anke waqqa' x-xaghar u wara xi jiem telghet ukoll qoxra fuq l-istess parti tar-ras u infjammazzjoni bil-materja (pus), b'dan li gie certifikat li llum l-attrici ghandha parti ovali minn rasha ta' cirka 2 centimetri bi 1.5 centimetri fuq il-"*left parietal scalp"* li fuqha ma jikbirx xaghar, u ghalhekk f'dik il-parti tar-ras l-attrici sofriet *"complete hair loss (alopecia)",* u kollox jindika li dan l-*iscarring* tal-gilda kien kompatibbli ma' *"chemical/thermal burn".*

"Illi b'hekk mill-istess relazzjoni medika jirrizulta li din il-kondizzjoni li llum qed isofri biha l-attrici giet ikkawzata proprju ghaliex il-*"bleach preparation"* li kienet uzata mill-konvenuta fuq l-attrici sabiex tintuza bil-metodu adoperat jsiru *"highlights"* fuq xaghar ta' l-attrici mess u gie in kuntatt ma dik il-parti tal-gilda tar-ras (scalp) taghha u kkawza l-hsara fl-istess b'dan li sussegwentement din il-gerha giet infettata u peress li tali infjammazzjoni ma gietx trattata sew mill-ewwel is-sitwazzjoni jidher li ggravat bil-konsegwenza li llum f'dik il-parti tar-ras hekk affettwata ma jikbirx iktar xaghar u ghalkemm tista tigi mohbija mill-kumplament tax-xaghar, estetikament din xorta qeghda hemm tant li l-konkluzjoni tal-espert mediku hija li hemm difett kosmetiku li jwassal ghall-disabilita' permanenti ta' 2%.

"Illi meta dan ir-rapport mediku jittiehed ukoll fil-kuntest tax-xhieda prodotta, u partikolarment dik ta' l-attrici, ta' Saviour Cutajar, ta' Dr. Angele Farrugia u tal-espert *ex parte* Dr. Lawrence Scerri (inkluzi c-certifikati rilaxxati minnu bhala Dok. "VC 2" u Dok. "VC3"), din il-Qorti thoss li gie ppruvat li dak li kkawza l-irritazzjoni u l-hruq fil-gilda tar-ras tal-attrici kien proprju l-istess trattament tal-konvenuta meta hija kienet qed taghmel *is-setting* tax-xaghar tal-attrici u specifikatament meta ntuzat il-preparazzjoni tal-*bleach* fuq xaghar l-istess attrici u b'hekk gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi n-ness ta' kazwalita' bejn id-dannu soffert mill-attrici u l-agir tal-konvenuta.

"Illi dan qed jinghad peress li mill-provi prodotti u in partikolari dawk medici jirrizulta ferm car li medikament it-telf tax-xaghar f'dan il-kaz gie kkawzat minn harqa kemikali/terminali, u mill-provi prodotti jirrizulta li kienet il-kimika uzata mill-konvenuta fuq l-attrici f'dan l-imsemmi intervent jew trattament li kkawza tali hruq fil-gilda tar-ras tal-attrici – f'dan il-kuntest huwa wkoll relevanti li l-istess konvenuta fil-kontro-ezami taghha sostniet li ma' rrizultax li l-attrici kellha xi trattament iehor wara dak li kien sar minnha.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li din il-Qorti thoss li gie wkoll ippruvat li l-istess attrici soffriet sensazzjoni ta' hruq malli sar l-intervent kimiku fuqha mill-attrici, u dan peress li kif sew issottolineat il-perit legali, jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Lawrence Scerri li ma' jistax ikun illi persuna ssofri minn harqa ta' dik l-entita' li kellha l-attrici minghajr ma' thoss u tilmenta dwar l-istess. Ma dan jizdied ukoll il-kumment li ghamel l-espert mediku Dr. Michael Boffa li qal li l-hruq gie kkawzat minhabba li *"it appears likely that the bleach preperation intended to create highlights in the hair ran down on the scalp causing local damage".* B'hekk il-verzjoni attrici qed tigi fuq dan il-punt accettata u dik tal-konvenuta rigettata.

"Illi ladarba gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi li l-attrici ilmentat mill-ewwel mill-istess hruq meta kien qed issir dan it-trattament stess, dan ifisser mhux biss li l-hruq fir-ras tal-attrici gie kkawzat mill-kimika uzata mill-istess konvenuta, izda wkoll li l-konvenuta kienet negligenti peress li ma avzatx lill-attrici li seta' kien hemm xi riskji involuti f'tali trattament, u wkoll peress li minkejja l-fatt li l-istess attrici ilmentat mill-ugiegh kawza tal-istess trattament, il-konvenuta bl-ebda mod ma tat ebda struzzjonijiet jew rimedju sabiex tali problema tigi riskontrata. Din il-Qorti thoss ukoll li la darba l-istess trattament ikkawza dan il-hruq fir-ras tal-attrici, l-istess konvenuta ma haditx il-prekawzjonijiet professjonali necessarji sabiex taddatta l-metodu u l-kimika minnha uzati sabiex ma taghmilx hsara lill-kljenta taghha, u allura f'dawn l-aspetti kollha din il-Qorti thoss li l-konvenuta

agixxiet fil-professjoni taghha b'mod negligenti u b'nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *"bonus pater familias"* (**"Cremona vs Cremona"** – P.A. – 13 ta' Frar 1905; **"Calafato vs Grech"** – A.C. – 23 ta' Novembru 1921; **"Barbaro vs Notaro Vella"** – P.A. 21 ta' Jannar 1929; **"Lorenzo Buttigieg vs Henry Hirst"** – P.A. – 16 ta' Frar 1945; **"Victor Savona pro et noe vs Dr. Peter Asphar et"** – A.C. - 2 ta' April 1951; **"Frankie Zerafa et vs Olga Avramov et"** – P. A. 30 ta' Jannar 2006) u b'mod allura li l-istess konvenuta ma' osservatx il-grad ta' responsabbilta' necessarja u mistenija fl-ezercizzju u l-prattika tal-professjoni jew sengha taghha (**"Josephine Borg et vs Anthony Fiorini"** – P.A. – 18 ta' Lulju 1994).

"Illi izda f'dan il-kaz jirrizulta wkoll li l-attrici kienet ukoll negligenti peress li wara li sofriet l-istess hruq damet ma' tagixxi sabiex tiehu kura ghall-istess, tant li jidher li l-ewwel darba li kellmet persuna medika kien biss fil-15 ta' Novembru 2003 meta giet ezaminata (Dok. "VC 6") minn Dr. Angele Farrugia (xhieda 22 ta' Settembru 2006), u b'hekk anke jekk wiehed jiehu d-data moghtija mill-attrici ta' meta marret ghand il-konvenuta ghal tali trattament, jirrizulta li dan kien gimghat wara l-istess.

"Illi jirrizulta wkoll mir-rapport tal-perit mediku u wkoll mill-eskussjoni tieghu li dan id-dewmien *da parte* tal-attrici sabiex tiehu kura jwassal sabiex *"il-kundizzjoni setghet tigi aggravata u dan mis-semplici trapass taz-zmien"* izda kompla li *"anke kieku l-chemical burn giet trattata immedjatament, xorta wahda kien hemm ikun hemm disabilita' permanenti pero' taf kienet xi ftit anqas".*

"Illi tenut kont tal-fatt li l-istess espert mediku ma kkomettiex ruhu dwar kemm tali dewmien seta' iggrava s-sitwazzjoni fid-dawl tal-persentagg ta' disabilita' permanenti riskontrata, din il-Qorti tista' timxi biss fuq il-principju li tistabbilixxi l-istess *arbitrio boni viri* u fid-dawl tal-fatt li l-istess espert mediku qal li tali dewmien seta' jwassal sabiex tiggrava s-sitwazzjoni b'dan pero' li *"d-disabilita' permanenti pero' taf kienet xi ftit anqas",* mela allura din il-Qorti thoss li l-attrici ghandha tinzamm responsabbli biss li ggravat is-sitwazzjoni f'persentagg ta'

0.50% b’dan li l-konvenuta ghandha tinzamm responsabbli li kkawzat id-disabilita’ permanenti fuq l-attrici (meta tnehhi l-kontributorjeta’ *da parte* tal-attrici) fil-persentagg ta’ 1.50%.

“Illi dwar il-punt jekk disabilita’ permanenti tat-tip estetiku tikkwalifikax bhala danni rejali ssir riferenza ghas-sentenzi **“Alexandra Saliba Sammut et vs Joseph Attard”** (P.A (RCP) – 25 ta’ Jannar 2001) u “**Anthony Zerafa et vs Joseph Sacco et”** – P.A. (RCP) – 1 ta’ Ottubru 2003) fejn jinghad li fid-dawl anke ta’ dak konstat mill-perit mediku jinghad li f’ghajnejn il-Qorti l-espert mediku qed dejjem jitkellem dwar danni rejali u certament id-dizabilita’ permanenti minnu riskontrata hija wahda ta’ natura fizika u apparenti li thalli l-konsegwenza taghha effettivament fuq il-hajja ta’ l-istess attrici, inkluza dik li ghandha valur ekonomiku u emozzjonali u dan a differenza minn dik sempliciment morali. Illi l-Qorti hawn taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **“Alex Vella Falzon vs George Vassallo”** (P.A. (JSP) 5 ta’ Ottubru 2002) u **“Saviour Falzon vs Joseph Sammut”** (P.A (DS) 14 ta’ Dicembru 2001 - Cit Nru: 942/1995/DS) fejn din l-Qorti, diversament presjeduta, rinfaccjata b’talba ghal danni ikkawzati minn sfregju sostniet illi:-

*““Issa fil-kaz in ezami, trattandosi ta’ dizabilita` permanenti minhabba sfregju, filwaqt li huwa veru li din it-tip ta’ dizabilita` mhijiex ser twaqqfu milli jahdem, pero` taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibbiltajiet ta’ xoghol u ghalhekk ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta’ lucrum cessans kif jidher li qieghed jippretendi l-konvenut.”*

“Illi f’dan il-kuntest id-disabilita’ permanenti riskontrata f’din il-kawza tikkwalifika bhala danni attwalment sofferti mill-istess attrici.

“Illi ghal dak li hija likwidazzjoni ta’ danni jirrizulta li d-danni materjali sofferti mill-attrici skont id-disposizzjoni tal-**artikolu 1045 (1) tal-Kap. 16** jammontaw ghal €155.43 (Lm66.71) (Dok. “C”) u ghal dak li huwa *lucrum cessans* din il-Qorti sejra timxi fuq il-kalkolu ta’ paga *gross* stabilit

mill-istess perit legali fl-ammont ta’ €9,727.13 fis-sena (Lm4,175), u ma’ dan tittiehed in konsiderazzjoni wkoll iz-zieda fil-potenzjal tad-dhul skont id-decizjonijiet fl-ismijiet **“Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et”** (P.A. (TM) – 28 ta’ April 2005); **“David Farrugia vs George Sammut”** (P.A. (JRM) – 9 ta’ Dicembru 2004; **“Jason Tonna vs Marco Vassallo”** – P.A. (RCP) – 29 ta’ Marzu 2007) u dak li wkoll gie msejjah bhala moltiplicand fil-kawzi fl-ismijiet **“Middle Sea Insurance Company Limited et vs Stuart Psaila”** (P.A. (NC) – 8 ta’ Ottubru 2004) **“George Micallef proprio et nomine vs Gordon Camenzuli”** – P.A. 7 ta’ Ottubru 1997; u **“Paul Bottone et pro vs Rita Saliba et”** P.A. (RCP) 7 ta’ Jannar 2003; **“Raymond Gauci et pro vs Christopher Galea”** P.A. – 26 ta’ April 2001) jwassal ghas-somma ta’ €10,249.24 (Lm4,400).

“Illi dwar *multiplier* li ghandu jigi adoperat tenut kont li l-attrici kellha biss 17 il-sena l-istess ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta’ l-incident skont kif ikkonfermat fis-sentenza **“Evan Xeureb vs Vincent Spalding et”** (P.A. (JRM) 10 ta’ Lulju 2003) u **“David Farrugia vs George Sammut”** (P.A. (TM) – 9 ta’ Dicembru 2004 u **“Anthony Turner et vs Francis Agius et”** (A.C. – 28 ta’ Novembru 2003) u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkluzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta’ *multiplier* l-Qorti ghandha thares lejn l-eta’ tal-vittma u mhux ma’ kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejjhu bhala *“the chances and changes of life’* u fid-dawl ta’ decizjonijiet ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited”** (P.A. (RCP) 25 ta’ Jannar 2000) u **“Lizio Agius vs Bernard Grech”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Jannar 2002) ser tadopera adoperat *multiplier* ta’ erbghin (40) sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk l-ammont ta’ danni huwa is-segwenti:-

“€10,249.42 (Lm4,400) x 40 x 1.50% = €6,149.54 (Lm2,640)

“Illi dwar dwar dak maghruf bhala *lump sum payment* hemm is-sentenza **“Maria Debono vs Andrew Vaswani”** (P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003) fejn inghad li:-

*““Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika (“**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 30 ta’ Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-persentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta’ imghax mid-data li giet ikkagunta l-hsara (Vide “**Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri”,** Prim’Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta’ Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta’ din id-decizjoni il-persentagg ta’ 20% ghal-lump sum payment beda jigi ridott b’rata ta’ tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta’ l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza”.* (Ara wkoll **“Concetta Brooks vs Emanuela Sare’** (P.A. – 12 ta’ Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

“Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew hames (5) snin minn meta sehh l-akkadut u b’riferenza ghas-sentenzi **“Angelo Galea vs Joseph D’Agostino et”** (P.A. (JSP) 16 ta’ Dicembru 1996) u **“Olga Busuttil et vs Raymond Muscat”** (P.A. (GCD) 6 ta’ Gunju 1997) u **“Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et”** (P.A. (JSP) 13 ta’ Jannar 1998) u **“Darren Sammut vs Eric Zammit”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001) ladarba dan huwa l-kaz it-tnaqqis ghal-*lump sum payment* ma ghandhux ikun ta’ iktar minn 10% b’dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b’615 Euro (Lm264) u ghalhekk l-ammont li ghandhu jithallas mill-konvenut lill-attrici huwa dak ta’ €6,149.54 (Lm2,640) li jitnaqqas minnhom l-ammont ta’ €615 (Lm264) li jwassal ghall-ammont ta’ €5,534.54 (Lm2,380).

“Illi ma dan l-ammont ta’ €5,534.54 (Lm2,380) ghandu jizdied l-ammont ta’ €155.43 (Lm66.71) u dan iwassal €5,689.97 (Lm2,446.71) liema ammont ghandu jithallas mill-konvenuta lill-attrici.”

**L-Appell tal-Konvenuta.**

Il-konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fis-17 ta’ Frar 2009 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tvarja s-sentenza msemmija filwaqt li

tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u b'hekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

L-appellanti ressqet hames aggravji kontra s-sentenza appellata li jikkoncernaw:

a) ir-responsabbilita` li giet attribwita lilha ghad-debilita` permanenti sofferta mill-appellata;

b) l-apporzjonament ta' htija li sar mill-Qorti billi din kienet esklussivament u interament attribwibbli lill-attrici li naqset tfittex kura tempestivament;

c) il-kwezit jekk hemmx effettivament debilita` permanenti;

d) il-*multiplier* adottat ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni.

e) it-tnaqqis ghal-*lump sum payment reduction*.

Il-kontro-parti pprezentat risposta ghar-rikors tal-konvenuta fejn filwaqt li ddikjarat li s-sentenza hija wahda gusta u timmerita konferma, talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel aggravju sollevat mill-konvenuta din qed tikkontesta r-responsabbilita` li giet akkollata lilha ghal dak li sofriet l-attrici. Hi ssostni li l-attrici kienet ghamlet diversi trattamenti f'xagharha sew qabel minn eta tenera kif ukoll wara l-allegat hruq. Dan gie rilevat billi qed jigi allegat li dak li gara seta` kien rizultat ta' trattament iehor u mhux necessarjament dak maghmul mill-konvenuta.

Illi huwa minnu li hemm divergenza bejn dak li qalet l-attrici u dak li xhedet il-konvenuta billi l-attrici xhedet li fl-okkazzjoni tas-26 ta' Settembru, 2003 meta hija marret ghand il-konvenuta u kienu qed isirulha *"high lights"* hija tghid li f'hin minnhom hasset hruq kbir tant li rasha giet

mxarrba bl-ilma biex tnaqqas il-hruq. Da parti taghha l-konvenuta ssostni li f'dik l-okkazzjoni l-attrici ma lmentat b'xejn u kollox mar sew tant hu hekk li fahhritilha dak li kienet ghamlet u li kien biss wara xi gimghat li sarilha rapport minn omm l-attrici dwar l-allegat hruq.

Minkejja din id-divergenza fil-verzjonijiet tal-kontendenti kemm l-espert mediku nominat mill-Qorti, kif ukoll Dr. Scerri li kien gie konsultat privatament, waslu ghall-konkluzzjoni li dak li kien gara kien rizultat tat-trattament li nghata mill-konvenuta. L-espert legali waslet ghall-istess konkluzzjoni. Infatti fir-relazzjoni tieghu l-istess Dr. Boffa kkonkluda "li l-*'bleach preparation'* li gie uzat mill-konvenuta fuq partijiet tar-ras tal-attrici sabiex jikkrejaw '*highlights'* fix-xaghar …. ikkreaw irritazzjoni u hruq fil-qurrija tar-ras tal-attrici, tant li anke waqt l-istess trattament dik il-parti tar-ras giet imxarrba bl-ilma proprju sabiex jitnaqqas l-effett tal-hruq li hija kienet qed issofri."

L-espert legali Dr. Ramona Frendo, rinfaccjata bix-xhieda kontradittorja tal-kontendenti dwar l-allegati lmenti tal-attrici waqt it-trattament tas-26 ta' Settembru, issib sostenn f'dak li kien xhed Dr. Scerri billi tghid hekk fir-rapport taghha: "Hawnhekk l-esponenti terga tirriverti ghall-kwistjoni tax-xhieda kontradittorja moghtija mill-partijiet dwar jekk l-attrici effettivament ilmentatx mill-ugiegh anke dak il-hin tat-trattament, jew le, u ssib konfort f'dan ir-rigward, fix-xhieda ta' Dr. Lawrence Scerri illi ddikjara illi ma jistax ikun illi wiehed isofri minn harqa tal-entita` illi kellha l-attrici, minghajr ma jhoss u jilmenta dwar l-istess immedjatament. Dan tenut kont tal-fatt illi (a) l-attrici definittivament sofriet harqa kimika jew terminali; u (b) l-attrici ma ssubiet l-ebda trattament iehor qabel ma ratha Dottor Angele Farrugia, iwasslu ghall-konkluzzjoni illi certament illi l-harqa giet sofferta mill-attrici waqt it-trattament, u certament illi din ilmentat mill-istess." L-istess espert legali konsegwentement ikkonkludiet li "Ghalhekk ix-xhieda tal-attrici f'dan ir-rigward, tidher illi ssib suffragju fix-xhieda medika."

Din il-Qorti, ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u wara li hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni tiddikjara li taqbel ma' u

taghmel taghha l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti fejn din sabet li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-*permanent scarring* li qeghdha ssofri l-attrici u dan wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti. Infatti din il-konkluzzjoni tidher li hija sufragata mix-xhieda cara u kategorika tal-attrici u nuqqas ta' prova kontrarja li setghet tressaq il-konvenuta. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Stabbilita` r-responsabbilita` tal-konvenuta, din pero` tilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti attribwit percentagg zghir hafna ghan-negligenza tal-istess attrici meta ma rrikorritx ghal konsulenza medika immedjatament jew qrib hafna tal-akkadut billi kif qal l-istess espert mediku Dr. Boffa trattament tempestiv ma kienx ixejjen id-dizabilita` permenanti "*pero` jaf kienet tkun xi ftit inqas."*

F'dan il-kuntest jigi rilevat li l-ewwel Qorti pprovdiet fuq dan l-aspett tal-kwistjoni billi rriduciet il-percentagg ta' dizabilita` li kien kkalkola l-espert mediku Dr. Boffa minn 2% ghall-1.5% biex b'hekk allokat percentagg fi grad ta' 0.5% minhabba xi nuqqasijiet tal-attrici. L-appellanti f'dan ir-rigward tosserva li kien ikun aktar ekwu kieku l-attrici giet attribwita 1% mir-responsabbilita` biex b'hekk, bhal ma sostniet l-espert legali, ir-responsabbilita` tal-konvenuta kienet tkun limitata ghar-rimanenti 1%. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li l"*assessment*" ta' dizabilita` hija wahda diskrezzjonali u, fil-maggor parti tal-kazi, tikkonsisti f'opinjoni personali. Dan aktar u aktar f'cirkostanzi bhal dak prezentat mill-kaz in ezami fejn jirrizulta li, bl-akkadut, ma hemm ebda effett negattiv fuq il-funzjonament fiziku tal-persuna involuta. Din l-arbitrarjeta` tidher car mill-fatt li fuq l-istess haga Dr. Scerri, li kien ezamina lill-attrici privatament, alloka dizabilita` ta' 5% mentri Dr. Boffa alloka biss 2%. Il-percentaggi hawn huma zghar hafna u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti partikolarment meta hemm tant diskrepanza bejn dak li qal l-espert tal-Qorti u espert privat li wara kollox huwa l-

ghola dermatologu fi sptar Boffa. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat.**

It-tielet aggravju guwa intimament marbut ma’ l-aggravju precedenti billi qed jigi osservat li l-espert mediku stess rrileva li ma kienx hemm “*functional disability*”. B’dan kollu huwa ben risaput li din il-kwalifika mhux dejjem hija mehtiega biex jinghata kumpens fuq bazi ta’ dizabilita`. Infatti kien hemm diversi kazi ta’ sfregju li gew kumpensati billi gie ritenut li dan jista` jwassal ghal dizabilita` partikolarment fil-kaz ta’ xebba. Hekk hawn ukoll hass l-espert billi gie ritenut li t-telf tax-xaghar johloq “*a cosmetic defect*” li jisthoqqlu li jigi kumpensat. Din il-Qorti taqbel pjenament ma’ l-ewwel Qorti f’dan ir-rigward u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fir-raba’ aggravju l-appellanti tilmenta mill-fatt li d-danni dovuti lill-attrici gew likwidati fuq firxa ta’ 40 sena u dan meta, skont ma qed jigi sottomess, il-hajja tal-bniedem tipprezenta diversi cirkostanzi li jistghu jibdlu s-sitwazzjoni lavorattiva ta’ dak li jkun, senjatament fil-kaz ta’ mara li tista’ tizzewweg u jista’ fil-futur jkollha t-tfal u ghalhekk toqghod lura mill-impieg. Din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li meta l-attrici soffriet din id-dizabilita` hija kien ghad ghandha biss 17-il sena u ghalhekk, anke a tenur tal-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti, *multiplier* ta’ 40 sena ma hu xejn barra mil-loku billi wkoll lanqas iwassal sar-*retiring age* taghha. Fit-tieni lok il-possibilita` li mara titlaq impieg remunerattiv minhabba cirkostanzi familjari, ma jfissirx li din mhux intitolata ghal kumpens. Illum ’il gurnata x-xoghol tal-mara tad-dar qed jinghata valur monetarju minkejja li l-istess mara ma tiehu ebda hlas attwali. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ahharnett l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti akkordat tnaqqis ta’ 10% minhabba dak li komunement

jissejjah "*lump sum payment reduction*" u cioe` tnaqqis mill-kapital akkordat minhabba l-fatt li dan ser jinghata f'daqqa ghalkemm mahdum fuq firxa ta' snin. Huwa minnu li skont il-gurisprudenza dan it-tnaqqis generalment huwa fi grad ta' 20% izda *di recente* u senjatament wara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1993 fil-kawza **Mark Caruana v. Grazio sive Horace Camilleri (P.A. Im. J. Said Pullicino)** il-Qrati, b'certa sens ta' gustizzja, bdew inaqsu dan il-percentagg b'rata ta' 2% ghal kull sena dewmien sakemm tigi finalment deciza l-kawza. L-ewwel Qorti hekk ghamlet u din il-Qorti ma thossx li l-ilment huwa gustifikat partikolarment tenut kont tal-fatt li minhabba l-appell interpost mill-konvenuta ser jirrizulta li d-dewmien fid-determinazzjoni tal-kwistjoni ser jkun ta' tmien snin u mhux hamsa. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt li ma gie intavolat ebda appell mill-attrici f'dan ir-rigward. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi rigettat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha ta' dan l-incident ghall-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------